# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, l-Erbgha 9 ta' Frar, 2022

Avviz tat-Talba numru:93/2021 CL

**Percius Car Hire Ltd (C 3989)**

**VERSUS**

**Rodney James Degabriele**

[K.I. NRU.609282M)

it-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-18 ta' Marzu, 2021 fejn is-socjeta attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannata jhallasha s-somma ta' seba' mija, u zewg euro u disgha u erbghin centezmu (€702.49) rapprezentanti hlas dovut ghal servizzi rezi mis-socjeta attrici lill-istess konvenut fil-perjodu bejn il-11 ta' Jannar 2019 sat-22 ta' Frar tal-2019. intalbu ukoll l-ispejjes ta' dawn il-proceduri inkluz dawk marbuta mal-ittra ufficjali bil-proceduta tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-numri 2491/2019, kif ukoll l-interessi, hekk kif deskritt fl-Avviz tat-Talba.

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher xi rapprezentant jew xi difensur ghalih ghas-smigh ta' dan il-procediment.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa u l-atti processwali kollha;

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Minn qari ta' din appena citata, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, u hekk kif registrat fl-udjenza tal-15 ta' Dicembru, 2021 (a fol. 28),minkejja li l-konvenut gie debitament notifikata bl-atti processwali, la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu quddiem it-Tribunal fl-udjenza msemmija li kienet tmiss wara n-notifika lilu ta' l-atti. Tali konvenut, ghalhekk, kien gie dikjarata fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-imsemmija udjenza.

Ghalkemm kontumaci, tali stat silenzjuz[1] ma jfissirx li l-parti konvenuta qed tammetti dak allegat u/jew pretiz mill-parti attrici, l'ghaliex xorta wahda jibqa' d-dmir ta' din l-ahhar parti li tipprova l-kaz taghha sa' dak il-grad probatorju rikjest mil-Ligi. Fill-kawza **Giuseppe Gerada v. Salvu Attard** ingahd illi "*ghalkemm il- konvenut jibqa' kontumaci, dan ma jaghtix lok ghall-prezunzjoni ta' abbandun tal-liti, ghad-difett ta' eccezzjonijiet legittimi, jew ghal adezjoni ghad-domanda; imma, inveci, ghas-suppozizzjoni ta' rimessjoni ghall-gustizzja tat- tribunal*."

Fil-konfront ta' l-imsemmi konvenut gie prezentant kapitolu mils-socjeta attrici fl-imsemmija udjenza tal-15 ta' Dicembru, 2021 (ara Kapitolu a fol. 29). Dan il-kapitolu gie dikjarat bhala mistqarr fl-udjenza successiva tad-9 ta' Frar, 2022, meta il-konvenut rega' ma deherx biex jwiegeb ghal tali kapitolu, fid-dawl ta' tali omissjoni, l-istess kien jisthoqqlu jigi emmnut.

It-Tribunal josserva illi, in linea ta' principju, il-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament previsti u determinati mill-ligi taht il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni gudizzjali fil-konfront ta' min gie ipprezentat il-kapitolu. fil-fatt fil-kawza **Stephen u Claudia mizzewgin Vella vs Bollicine Limited**[2] jinghad is-segwenti:

> *Dan premess, jibda biex jigi osservat illi in linea ta' principju l-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament prevvisti u determinati mil-ligi taht il-Kapitolu 12. Ara Artikoli 698 (2) u 702 (3). Minnhom huwa dezunt illi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni gudizzjali f' min lilu jigi deferit ta' fatt sfavorevoli ghal kapitolat u ta' vantagg ghall-parti li eskogitatu. Jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet "**Anthony Borg -vs- Samwel Vene**ziani", Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998, illi "din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut";*

Ghalhekk, fid-dawl tal-appena indikati provi mressqa mis-socjeta attrici – u anke, izda mhux biss, bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal, it-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak domandat mill-attrici fi procediment

[1] Giuseppe Gerada v. Salvu Attard (Appell Kummercjali, 6 ta' Novembru, 1959)
[2] 9 ta' Jannar, 2008 Appell Civili Numru. 161/2005/1

gudizzjarju bhal dan. Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut biex jhallas lill-istess socjeta attrici is-somma ta' seba' mija u zewg ewro u disgha u erbghin centezmi (€702.49), bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza sad-data tal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, inkluzi dawk relattivi ghall-ittra ufficjali fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) mahruga skond l-Art. 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, datata 22 ta' Awissu, 2019, bin-numru 2491/2019 huma kollha a kariku tal- konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**